Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Numru 520/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD ZARB**

**VS**

**JOSEPH FORMOSA**

**Illum 30 ta' Gunju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Formosa ta’ 39 sena, bin Joseph u Concetta nee’ Camilleri, imwieled Sliema fil-15 ta’ Marzu 1964 u residenti 37, Carlo Manche’ Street, Gzira, u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 178764 M;

Talli f’dawn il-Gzejjer, fid-19 ta’ Settembru 2000, u fix-xhur ta’ qabel, f’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jwe fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe’ ghamel falsifikazzjoni tal-firem ta’ Anna Camilleri fuq applikazzjoni tal-linja telefonika ta’'Maltacom plc u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi, jew kitba falza.

2. U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi u fi zminijiet ta’ wara ghamel falsifikazzjni ohra jew xjentement ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe’ applikazzjoni tal-linja telefonika ta’ Maltacom plc;

3. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Anna Camilleri u Maltacom plc u diversi persuni ohra;

Wara illi rat l-Artikoli 183, 184, 189, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Joseph Formosa hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni illi mill-bidu nett l-imputat beda jhallas dak dovut minnu u qatt ma’ hared mir-responsabilitajiet tieghu, temmen illi piena karcerarji mhix adekwata ghal dan il-kaz.

Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti, qeghda ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------